# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 34**

**Rikors Numru 580/11 JZM**

**Wintrade Limited (C 5210)**

**v.**

**Aparthotels Limited (C 4224), Cnus limited (C2868),**
**Riza Leisure Complex Limited (C 7330) u,**
**ghal kull interess li jista' jkollhom,**
**Noel Rizzo, Stephen Rizzo,**
**Anthony Sammut Alessi u Philip Rizzo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetà attrici prezentat fit-22 ta' Frar 2016 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili

f'din il-kawza moghti fis-27 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu cahdet it-talba taghha biex tesebixxi recordings li skont hi, jikkontradixxu dak li xehed il-konvenut Philip Rizzo fl-istess kawza. Fir-rikors taghha hija iccitat l-artikoli 580, 585 u 586 tal-Kap. 12 biex tissostanzja t-talba taghha.

Il-konvenuti qed jopponu ghal din it-talba. Bazikament l-argument taghhom huwa wkoll li, skont l-istess artikoli msemmija, din it-talba ma ghandhiex tintlaqa'. L-artikoli in kwistjoni jghidu hekk:

> "*580. (1) Fil-kontro-eżami, ix-xhud jista' jiġi mistoqsi biss dwar il-fatti li fuqhom ikun xehed fl-eżami, jew fuq ħwejjeġ li jistgħu jwaqqgħu l-kredibbiltà tax-xiehda tiegħu.*
>
> "*(2) Meta l-parti li tagħmel il-kontro-eżami tkun trid tipprova bl-istess xhud xi ċirkostanza li ma jkollhiex x'taqsam mal-fatti li fuqhom tkun ingħatat ix-xiehda fl-eżami, tista', kemm-il darba l-qorti, għal raġuni tajba, ma tordnax xort'oħra, iġġib dan ix-xhud fiż-żmien li jmiss u teżaminah bħala xhud tagħha; u f'dak il-każ, il-qorti tista', fuq talba bil-fomm ta' din il-parti, tordna lix-xhud li ma jitbigħedx mill-qorti, biex jista' jiġi msejjaħ mill-ġdid u mistoqsi; u dik l-ordni tiswa daqs il-mandat ta' taħrika msemmi fl-artikolu 568(1).*
>
> "*585. Il-parti tista' tattakka xhud imsejjaħ kontra tagħha, sew bi provi kuntrarji, kemm ukoll bi provi li x-xhud għandu ġeneralment fama li ma jgħidx is-sewwa. Id-dikjarazzjonijiet li jkun għamel xhud f'okkażjonijiet oħra għandhom jingħadu lix-xhud meta l-kredibbiltà tiegħu tiġi attakkata bi provi ta' dawk iddikjarazzjonijiet.*
>
> "*586. (1) Qabel ma tiġi attakkata l-kredibbiltà ta' xhud bi provi li f'okkażjonijiet oħra huwa kien għamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda tiegħu, għandhom jingħadu lilu dawk id-dikjarazzjonijiet biċ-ċirkostanzi taż-żmien, tal-lok u tal-persuni preżenti u huwa għandu jiġi mistoqsi jekk kienx għamel jew le dawk id-dikjarazzjonijiet; u għandu jiġi lilu mogħti li jispjegahom.*

> “*(2) Jekk dawk id-dikjarazzjonijiet kienu saru bil-miktub, għandhom jiġu murija lix-xhud qabel ma ssirlu ebda mistoqsija fuqhom.*”

Il-Qorti wara li ezaminat l-atti u d-dispozizzjonijiet fuq indikati jidrilha illi ghandha taqbel mal-ewwel Qorti ghalkemm dik il-Qorti semplicement irreferiet ghar-risposta tal-konvenuti meta iddecidiet li tichad it-talba ghall-produzzjoni tat-*tapes*. L-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom indikat diversi sentenzi madankollu ma semmietx fatt importanti u cioe` li f’din il-kawza hija gia` kienet ghalqet il-provi taghha u b’dak li qed titlob tkun qed iddahhal fl-atti tal-kawza dokument gdid. Anzi tajjeb wiehed jiftakar dispozizzjoni ohra li sfortuntament sikwit tintesa fil-gbir tal-provi quddiem il-Qrati taghna u cioe` l-Artikolu 156 tal-Kap. 12 li jittratta dwar x’ghandu jsir mal-prezentata ta’ rikors guramentat li permezz tieghu tinbeda l-kawza;

> “*156 (2) Flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba.*”

Minflok ghamlet dan is-socjetà appellanti qaghdet tistenna d-depozizzjoni tax-xhud imsemmi u mbaghad bhal prestiggatur tohrog dawn it-*tapes* u tistenna li l-parti l-ohra ma topponix jew li l-Qorti tippermettilha taghmel dan. Certament mhux mod dekoruz u leali li bih ghandhom jigu kondotti l-kawzi u kontra l-principju tad-*disclosure* kif inkorporat fl-Artikolu 156(2) msemmi. Ghandu jinghad li din l-uzanza ghandha tieqaf ghaliex apparti kif

inghad li mhijiex mod leali kif jitmexxew il-proceduri, hija wahda mill-kawzi ghad-dewmien fil-proceduri.

Fil-kaz in ezami, l-appellanti kien messha esebiet it-tapes in kwistjoni meta ipprezentat il-kawza.  Mhix skuza li hija ma kenitx taf kif se jixhed Philip Rizzo; dan kien fatt importanti tant li hija stess hasset il-bzonn li tirrekordja l-laqghat li saru.  Allura kienet konsapevoli li xi hadd mill-partijiet seta' jixhed b'mod li ma kienx ta' vantagg ghaliha u allura kieku esebiet it-*tapes* meta ipprezentat l-atti tal-kawza jew ghallinqas waqt li kienet qed tressaq il-provi kien hemm possibilità li dak ix-xhud kien joqghod attent li jixhed skont kif graw l-affarijiet.  Dan naturalment ma jfissirx li s-sur Rizzo jew xi xhud iehor ghandu jixhed il-falz izda din il-Qorti tiddeplora dan il-mod li bih il-partijiet iressqu l-provi taghhom.  Ma hemmx dubbju li f'dan il-kaz, id-dokument ossija *tapes* in kwistjoni kienu f'idejn is-socjetà attrici meta hija bdiet il-proceduri.  Fil-kawza fl-ismijiet **Salvu Busuttil v. Veneranda Busuttil**, (27 ta' Frar 1985), din il-Qorti cahdet talba ghal produzzjoni ta' dokument gdid, ghaliex dehrilha li min ghamel it-talba kellu kull possibilità li jkollu dak id-dokument meta bdew il-proceduri u allura messu ipprezentah mal-att promotur bl-applikazzjoni ta' dak illi llum huwa l-Artikolu 156 (2) tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba tas-socjetà appellanti ghar-revoka tad-digriet fuq imsemmi.  L-istess socjetà ghandha thallas l-ispejjez ta' dan l-incident.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df